MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.

## PAUL COPPINI

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 59/2014

**John Carabott**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku, u b'digriet tat-**

**28 ta' Ottubru 2014 ġie miżjud l-lkiem 'Għal Għawdex'**

**sabiex l-isem jiġi Direttur tar-Reġistru Pubbliku Għal Għawdex**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-attur li permezz tiegħu, wara li ppremetta:

1. Illi l-attur John Carabott twieled fit-8 ta' Mejju 1947 f'Victoria (Għawdex);

2. Illi fl-Att ta' Twelid ġdid tal-attur (dok A) ġie mniżżel erroneament bil-kunjom ta' "Carabot" meta fil-fatt kellu jiġi indikat bħala John "Carabott" kif jirriżulta miċ-ċertifikat ta' twelid ta' missier l-attur (Dok B) u mill-Att ta' Twelid tar-rikorrenti stess maħruġ fis-16 ta' Ġunju 1969 (Dok C);

3. Illi huwa wkoll imniżżel erroneament bħala missier l-attur John "Carabot" minflok "John Carabott" fl-istess Att ta' Twelid.

Talab lil din il-Qorti sabiex l-Att ta' Twelid tiegħu, l-kunjom li ġie indikat 'Carabot' jiġi kkoreġut għal 'Carabott'.

Rat iċ-ċertifikat anness bħala Dokument A flimkien mar-rikors ġuramentat tal-attur. Rat ukoll iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-istess attur ippreżentat bħala Dokument B flimkien mar-rikors tiegħu, u d-Dokument Ċ estratt mill-att tat-twelid tal-istess attur. Dokument D kopja formali tal-Att ta' Twelid tan-nannu patern tal-attur. Bħala Dokument E kopja tal-Karta Anzjan tal-attur u bħala Dokument F kopja tal-Karta tal-Identita' tal-attur.

Rat ukoll ir-risposta ġuramentata tal-konvenut illi mhux jopponi t-talba.

Il-Qorti,

Peress illi jirriżulta li t-talba tal-attur hija ġustifikata, tilqa' l-istess talba u tordna l-korrezzjoni fl-Att ta' Twelid ta' l-attur fis-sens indikat fl-istess rikors ġuramentat u dana billi l-kunjom tiegħu jiġi kkoreġġut min 'Carabot' għal 'Carabott'.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------